**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Bernard C. Spiteri]**

**vs**

**Donald Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 1427/11**

**Illum, 12 ta' Novembru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Donald Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 207082M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Awwissu 2010, gewwa Triq G. F. Agius De Soldanis, Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer;

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn minn €2,329.37 izda anqas minn €232.94 u dan ghad-dannu ta' Daniel u Andrew Debattista u tal-Kumpanija A&D Debattista, u dan bi ksur ta' artikoli 308, 309 u 310 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittuura falza ghad-dannu ta' Daniel u Andrew Debattista u tal-Kumpanija A&D Debattista.

Rat il-fedina tal-imputat Donald Micallef fil-prezentata tal-akkuzi li kienet wahda kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Dicembru elfejn u tnax (2012) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe':-

- Fl-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji wara li nqraw lilu l-Artikoli;

Rat il-provi kollha prodotti;

Rat illi d-difiza nghatat zmien sabiex tipprezenta n-nota' ta' sottomissjoni taghha izda din baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi mill-imputat lil zewg persuni u cioe' lil certu Daniel u Andrew Debattista meta dawn issupplixxew lilu jew lill-kumpanija tieghu xi servizz ta' *catering* f'B'Kara.

Illi mill-provi prodotti Andrew u Daniel Debattista kkonfermaw illi huma kienu qeghdin jiftiehmu mal-imputat ghal dan l-avveniment izda huwa dejjem kien qed jagixxi f'isem il-kumpanija Market Handle Limited.

Illi dak li gie esebit huwa c-cekk (Dok. BS3) li ma setghax jissarraf mahrug mill-kumpanija Market Handle Limited lil A&D Debattista ghas-somma ta' elfejn u mitejn ewro (€2,200). Illi dan ic-cekk gie iffirmat min xi persuna li ma gietx identifikata f'dawn il-proceduri.

Illi giet esebita wkoll l-*invoice* ta' dan is-servizz mahruga lill-Market Handle Limited (Dok. DD1).

Ipprezentat ukoll il-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta' Market Handle Limited (Dok. CA1) izda jirrizulta illi d-

direttur ta' din il-kumpanija hija certa Celine Lee Bentley u l-imputat ma jiffigura xejn. Illi din Celine Lee Bentley qatt ma ttellghet bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Illi kwindi dak li jirrizulta illi nghata dan is-servizz lill-kumpanija Market Handle; li kien qed jidher ghaliha l-imputat; izda ma giex ippruvat x'sehem kellu l-imputat f'din il-kumpanija u l-anqas ma gie ppruvat min efettivament iffirma c-cekk tal-hlas.

Illi din il-Qorti thoss li kien hemm nuqqas serju min-naha tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kif hargu l-akkuzi u sussegwentement fin-nuqqas ta' provi li kienu prodotti. Nuqqas kbir iehor huwa tal-Avukat Generali li minkejja dan in-nuqqas kollu xorta wahda hareg l-Artikoli li bihom kellha tinstab htija.

Biex izzid ma' dan, dawn il-proceduri kienu karatterizzati ma' assenza totali tal-imputat fejn ghal hafna seduti ma setax jinstab u ghalhekk inhela hafna zmien prezzjuz fejn din il-kawza setghet giet deciza hafna qabel.

Illi madanakollu l-akkuzi ma gewx ippruvati bl-ebda mod ghaliex ma gietx ippruvata l-ebda konnessjoni legali bejn l-imputat u l-parte civile u ghal dawn ir-ragunijiet mhix ser toqghod tiddelibera inutilment fuq l-aspett legali tar-reati addebitati lill-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Donald Micallef** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**